# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum, 8 ta' Frar, 2002.**

**Appell Nru 196/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Charles sive Ciarlo Mangion**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Charles sive Ciarlo Mangion talli fl-24 ta' Awissu, 1997 ghall-habta tat-3.30pm f'Hal-Tarxien (**1**) ingurja, hedded u ghamel offiza ta' natura hafifa, kif iccertifika Dott. Martin Mallia M.D., fuq il-persuna ta' P.C. 1496 Godwin Farrugia u P.C. 1462 James Green, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz; (**2**) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra P.C. 1496 Godwin Farrugia u P.C. 1462 James Green, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi minn awtorita` kompetenti; (**3**) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq proprjeta` pubblika, liema hsara tiskorri l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira; (**4**) qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti; (**5**) volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku; u (**6**) sar recidiv b'sentenza li saret definittiva fid-29/1/96 kif ukoll kiser il-provvediment tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18/1/96;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti, filwaqt li ddikjarat li, ghall-finijiet ta' piena, ma kienitx ser "titratta mal-imputat talli sar recidiv u lanqas talli kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 5 tal-Kap. 152 b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Jannar, 1996", ddikjarat lil Charles sive Ciarlo Mangion hati skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu sitt (6) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Charles sive Ciarlo Mangion, minnu ppresentat fil-31 ta' Ottubru, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma tal-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jikkontendi li fiz-zmien tal-incident *de quo* huwa kien ghaddej minn periodu partikolarment hazin minhabba li l-ġenituri tieghu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni. Kien ghalhekk li fil-gurnata in kwistjoni huwa kien xorob izzejjed, u spicca jaghmel dak li fil-fatt ghamel. Huwa qed jitlob li din il-Qorti tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 28A, anke in vista tal-fatt li hu ddikjara li bi hsiebu jaghmel tajjeb ghall-hsara fil-proprjeta` pubblika minnu kkagunata.

Issa, appart li s-sokor ma jistax jingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali hlief fil-kazijiet espressament imsemmija fis-subartikoli (2) u (4) tal-Artikolu 34 tal-Kodici Kriminali, liema kazijiet ma japplikawx ghall-kaz in dizamina, din il-Qorti ma tarax li saret prova sodisfacenti tar-raguni ghala l-appellant kien fis-sakra. Pero` anke li kieku saret tali prova, mill-atti jirrisulta li l-appellant ghandu fedina penali b'xejn anqas minn erbatax-il kundanna minn dawn il-qrati, li jinkludu kundanni ghal tentattiv ta' serq, glied, oltragg ta' ufficjali pubblici, akktakk u resistenza fil-konfront tal-forzi ta' l-ordni u serq. Qabel illum, cioe` qabel is-sentenza li minnha qed isir dana l-appell, huwa qatt ma inghata piena ta' karcerarja, u forsi huwa ghalhekk li baqa' ghal seba' snin shah b'inkontri regolari mal-gustizzja. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-fatt li jidher li l-appellant facilment jirrikorri ghall-vjolenza, din il-Qorti taqbel ma' l-ewwel qorti li f'dan il-kaz hija indikata piena ta' prigunerija b'effett immedjat.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

Il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghad-diversi kundanni fil-konfront ta' l-appellant fejn kien hemm pieni pekunjarji, sabiex l-istess Registratur jivverifika jekk il-multi jew ammendi thallsux, u fin-nuqqas sabiex jipprocedi skond il-ligi.

Aldo Testone
Dep.Registratur